# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru V**
**Illum it-Tlieta, 16 ta' Jannar, 2001**

**Appell Nru 236/2000 VDG**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Victor Tabone**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Victor Tabone talli fis-7 ta' Mejju, 2000, fil-Furjana (**1**) volontarjament kiser il-paci pubblika u l-bon-ordni b'ghajjat u glied, (**2**) bil-kliem insulenta u hedded lil Alexandra Tabone, (**3**) meta hekk ordnat minn xi qorti, naqas li jaghti lil martu dik is-somma iffissata minn dik il-qorti bhala manteniment ghaliha u/jew ghal uliedu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond dak l-ordni, kellu jhallas dik is-somma, (**4**) kiser il-kundizzjonijiet tal-garanzija li ma jimmolestax lil Alexandra Tabone imposta fuqu fl-ewwel ta' Frar, 2000 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Magistrat Dott. D. Montebello), u (**5**) kiser il-kundizzjonijiet tal-garanzija li ma jimmolestax lil Alexandra Tabone imposta fuqu fit-22 ta' Marzu, 2000 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Magistrat Dott. S. Demicoli);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-25 ta' Ottubru, 2000 li permezz taghha dik il-qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel zewg imputazzjonijiet, illiberat lill-imsemmi Victor Tabone mir-raba' imputazzjoni u mill-hames imputazzjoni, izda sabitu hati skond it-tielet imputazzjoni u kkundannatu jumejn detenzjoni;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Victor Tabone, minnu ppresentat fl-1 ta' Novembru, 2000 li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lil mart l-appellant u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-12 ta' Jannar, 2001; ikkunsidrat:

Illi kif jirrisulta mill-verbal ta' l-udjenza tat-12 ta' Jannar, 2001, l-appellant qed jillimita l-appell tieghu ghall-piena. Din il-Qorti, wara li semghet

id-deposizzjoni ta' mart l-appellant, Alexandra Tabone – li fissret li hi u zewgha qed jaghmlu sforz biex jippruvaw jirrikonciljaw, tant li qed anke johorgu flimkien u ghalhekk hemm prospetti tajba ta' rikonciljazzjoni – hi tal-fehma li ghal din id-darba (u per via ta' eccezzjoni) ghandha tbiddel il-piena kercerarja f'wahda pekunjarja. Kif din il-Qorti kellha l-okkazzjoni li tfisser diversi drabi, in-non osservanza tal-ordnijiet tal-qrati civili in materja ta' hlas ta' manteniment u access ghall-ulied (paragrafi (z) u (ll) tal-Artikolu 338 tal-Kodici Kriminali) tammonta in realta` mhux tant ghal sfida lejn dik il-parti li jkollha dritt tircevi dak il-manteniment jew li jkollha dritt ta' access, daqs kemm ghal sfida lejn l-awtorita` tal-qorti li tkun tat l-ordni relattiv. Huwa ghalhekk li l-qrati ta' gustizzja kriminali ghandhom, bhala regola, jkunu pjuttost severi fl-applikazzjoni tal-piena fir-rigward ta' dawn iz-zewg kontravvenzjonijiet. Fil-kaz in dizamina, apparti dak li nghad aktar 'l fuq dwar prospetti ta' rikonciljazzjoni, jirrisulta wkoll li l-appellant ma hallasx il-manteniment ghax kien spicca bla xoghol. Dana l-fatt wahdu, s'intendi, ma jiggustifikax in-nuqqas ta' pagament tal-manteniment – l-appellant kellu r-rimedju semplici li jerga' jmur quddiem il-Qorti Civili kompetenti u jgib dana l-fatt a konjizzjoni ta' dik il-qorti biex, se mai, ikun hemm tibdil fl-ordni dwar il-hlas tal-manteniment. L-appellant dan ma ghamlux, u deherlu li seta' semplicement jieqaf milli jhallas il-manteniment minghajr ma jkun hemm konsegwenzi ta' xejn. Evidentement dan ma setax jaghmlu, u ghal dak li ghamel – cioe` li naqas li jhallas il-manteniment – hemm konsegwenzi penali. Pero`, kollox ma' kollox, din il-Qorti tara li jkun aktar gust li f'dana l-kaz li l-piena tkun wahda pekunjarja milli wahda karcerarja.

Ghall-motivi premessi tilqa' l-appell u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha biss f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant jumejn detenzjoni, u minflok tikkundannah ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira (Lm25), pagabbli minnufih jew altrimenti konvertibbli (b'applikazzjoni tat-tielet proviso tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 14 tal-Kap. 9) f'jumejn detenzjoni; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur